# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 86/2021 BS**

**Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad**

**-vs-**

**Clyton-John Pace u**
**Carmel Pace u b'digriet tat-2 ta' Jannar 2023,**
**Dr Joseph Grech ġie maħtur bħala kuratur**
**deputat ta' Carmel Pace**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Sonja Sinclair Stevenson Lindblad illi ppremettiet:**

1. *"lli l-esponenti hija proprjetarja tal-fond bin-numru 59, Triq Trux, Gharb Ghawdex, kif juri l-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dr. Ino Mario Grech, anness u mmarkat bhala* ***Dok A****, flimkien ma bicca art retrostanti liema art, hija accessibbli minn passagg privat ossia moghdija li tisbokka fi Triq Trux, Gharb u li jigi fuq in-naha tat-Tramuntana tal-proprjeta tal-esponenti.*

2. *Illi l-esponenti hija ukoll proprjetarja tal-passagg li jezisti bejn il-proprjeta numru 57 u l- proprjeta numru 59, kif turi n-nota spjegattiva tat-titolu tal-proprjeta tal-esponenti, annessa u mmarkata bhala* ***Dok B****.*

3. *Ili l-intimat Carmel Pace huwa l-proprjetarju tad-dar numru 57, Triq Trux Gharb, Kuntratt ta' bejgh datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 1990, anness u mmarkat bhala* ***Dok C****. Kuntratt ta' bejgh datat tletin (30) ta' Gunju 2003, anness u mmarkat bhala* ***Dok D****. Kuntratt ta' separazzjoni u assenjazzjoni tal-proprjeta matrimonjali ta' Carmel Pace u Grace Pace datat sitta (6) ta' Novembru 2009, anness u mmarkat bhala* ***Dok E****.*

4. *Illi ricentament l-Awtorita' tal-Ippjanar ikkoncediet lill-intimat Clayton-John Pace permess tal- bini li igib in-numru PA06489/19 li jirrigwarda zvilupp fuq in-naha tat-tramuntana tal-istess passagg, u li skont dan il-permess, l-istess Clayton John Pace huwa awtorizzat li jiftah twieqi, aperturi u bibien fuq l-istess passagg.*

5. *Illi dan il-permess inhareg wara assikurazzjoni da parti tal-Kunsill Lokali tal-Gharb li l-istess passagg huwa wiehed pubbliku u mhux privat. Tali assikurazzjoni hija manifestament zbaljata u qarrieqa ghaliex tistrieh fuq avviz governattiv li jirrigwarda it-tiswija jew bdil fl-isem tal-isqaqien fil-lokalita' tal-Gharb li minnhu nnifsu la johloq u lanqas inehhi d-drittijiet fuq proprjeta.*

6. *Illi tali zvilupp fuq il-passagg tal-esponenti joħloq servitujiet li sejrin jippregudikaw serjament id-drittijiet tal-esponenti, peress li l-passagg huwa wiehed privat u li jappartjeni lill-esponenti.*

7. *Illi l-esponenti talbet l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 37/2021/1 (BS) fl-ismijiet Sonja Sinclair Stevenson-Lindblad vs. Clayton-John Pace, sabiex l-intimat Clayton-John Pace jinzamm milli jibni jew jikkostruixxi bini u kostruzzjonijiet oħra ta' natura permanenti b'tali mod li l-istess zvilupp edilizzju jkollu l-bibien jew aperturi ohra li jifthu fuq il-passagg li hemm bejn il-proprejta fejn hu propost li jsir l-izvilupp u cioe' 57, Triq Trux, Gharb, u dik tal-esponenti fin-numru 59, Triq Trux, Gharb, liema mandat huwa il-prova tat-totolu tal-passagg in kwistjoni.*

8. *Illi mill-aerial photographs mahrugin mill-Awtorita' tal-Ippjanar (annessi u mmarkati bhala* ***Dok F*** *u* ***Dok G****, il-passagg kien iservi fil-passat bhala access ghal-ghelieqi retrostanti tal-proprjeta tar-rikorrenti. L-isqaq in kwistjoni qatt ma kien ta' uzu ghall-proprjeta tal-intimat Pace peress li l-*

*proprjeta ta' dan tmiss mat-triq, u lanqas għall-proprjeta/ghelieqi retrostanti l-proprjeta tal- intimat peress li dan hemm access għalihom minn sqaq fit-triq l-isqof Mikiel Molina, Gharb. Ghawdex. L-isqaq mhux lanqas pubbliku minhabba li ma jezisti l-ebda skop għalfejn ikun hekk, peress li l-ghelieqi ezistenti retrostanti l-proprjeta tal-esponenti, huma privata.*

9. *Illi l-esponenti gabet dan kollu a konjizzjoni tal-intimat Clayton-John Pace permezz tal-protest gudizzjarju anness u mmarkat bhala* ***Dok H***.*"*

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. *"Tiddikjara li l-passagg tramuntana tal-proprjeta tal-esponenti, mhuwiex wiehed pubbliku izda huwa wiehed privat u jappartieni lill-esponenti;*

2. *Tinibixxi lill-intimat Pace milli jiftah aperturi u bibien fl-imsemmi passagg u dana stante li l-istess passagg huwa proprjeta tal-esponenti.*

*Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni li gie intavolat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u b'riserva għad-danni li jistghu jigu kkagunati minhabba dan l-agir abbuziv u llegali."*

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech illi eċċepixxa;**

1. *"Illi huwa gie nominat bhala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-konvenut Carmel Pace;*

2. *Illi, l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti stante illi huwa ma ghandux kuntatt ma' l-istess persuni;*

3. *Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skond il-ligi."*

Rat ir-rikors ta l-attrici tas-26 ta April, 2022 li permezz tieghu infurmat lill-Qorti li l-konvenut Carmel Pace jghix fl-esteru u talbet

li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti.[1]

Rat id-digriet taghha tat-2 ta Jannar, 2023 li permezz tieghu inhatar Dr Joseph Grech bhala Deputat Kuratur ghal assenti Carmel Pace.[2]

Rat li l-konvenut Clayton-John Pace gie notifikat fis-17 ta Jannar, 2022, izda minkejja t-trapass ta ghoxrin jum minn notifika lilu tar-rikors guramentat huwa dan baqa ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat l-att li permezz tieghu l-attrici Sonja Lindblad innominat bhala mandatarju sabiex jagixxi f'isimha u jirrapprezentha f'dawn l-attui fost l-ohrajn, lil Jerry Vella.[3]

Rat in-nota ta l-attrici tat-12 ta Mejju, 2023 bid-dokumenti kollha annessi maghha.[4]

Rat li fis-seduta tas-16 ta Gunju, 2023 l-attrici iddikjarat li kienet ezawriet il-provi kollha taghha.

Rat li fis-seduta tal-15 ta Novembru, 2023 il-Kuratur Deputat iddikjara li qed jirrimetti ruhu ghal provi kollha pprezentati.

Rat li fl-istess seduta il-partijiet ittrattaw oralment u l-kawza giet differita ghas-sentenza tal-lum.

Rat l-atti kollha nkuzi dawk allegati tal-mandat t'inibizzjoni 37/2021/1.

**Ikkunsidrat.**

**Preliminari.**

L-attrici f'din il-kawza qed titlob lill-Qorti tiddikjara li l-passagg li jinsab fit-tramuntana tal-propjeta taghha ma hux wiehed pubbliku izda huwa wiehed privat u huwa taghha. Qed titlob ukoll li tinibixxi

[1] A fol 44 tal-process
[2] A fol 59 tal-process
[3] A fol 64 tal-process
[4] A fol 70 tal-process

lill-konvenuti milli jifthu aperturi u bibien fl-imsemmi passagg u dan billi dan il-passagg huwa taghha. L-attrici tghid li hija propjetarja ta fond bin-numru 59, Triq Trux, Gharb kif ukoll ta bicca art retrostanti l-istess fond. Tghid ukoll li din l-art hija accessibbli minn passagg privat li jigi fuq in-naha tat-tramuntana tal-propjeta taghha. L-attrici tinsisti li hija propjetarja wkoll ta passagg li jezisti bejn il-fond taghha u dak tal-konvenuti bin-numru 57.

Fir-rikors guramentat tghid li l-Awtorita ta l-Ippjanar permezz tal-permess PA06489/19 mahrug favur il-konvenut Clayton John Pace awtorizzat lill-imsemmi jiftah twieqi, aperturi u bibien f'dan il-passagg. Skond l-attrici dan il-permess inhareg wara li l-Kunsill Lokali ta l-Gharb assigura lill-Awtorita ta' l-Ippjanar li l-passagg kien wiehed pubbliku.

L-attrici tinsisti li bl-izvilupp propost ser jinholqu servitujiet u ser jkunu ta pregudizzju ghaliha. Tishaq illi t-talba ghal hrug ta mandat t'inibizzjoni kontra l-konvenuti huwa prova tat-titolu taghha. Hija tghid li l-isqaq kien iservi biss biex jkun hemm access ghal art li tigi wara d-dar taghha.

Tghid ukoll li l-isqaq qatt ma ntuza mill-konvenuti billi l-propjeta tal-konvenut tmiss mat-triq. Barra minn hekk l-art li tigi wara l-propjeta tal-konvenuti hija accessibbli minn passagg iehor u mhux minn dak mertu tal-kawza odjerna.

Il-konvenut Clayton John Pace ghalkemm debitament notifikat bl-atti ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk irrenda ruhu kontumaci.

Il-konvenut Carmel Pace kif rapprezentat minn Kuratur Deputat irrimetta ruhu ghal provi migbura.

**Xhieda.**

Dr. Maria Refalo xehdet permezz ta affidavit[5]. Hija tghid li ghamlet ricerka fuq istrizzjonijiet ta l-attrici. Din ir-ricerka kienet immirata sabiex jigi stabbilit min hu sid il-passagg in kwistjoni.

Hija tghid li mir-ricerka mwettqa minnha rrizulta li fil-permess tal-bini data 17 ta Lulju, 1897, l-passagg kien iddikjarat li huwa ta' Luigi Portelli li kien sid id-dar li tinsab fin-nofsinhar. Hija tghid li fuq il-permess hemm imnizzel il- kliem " *passaggio del ricorrente*". Tghid li kopja tal-permess gie annessa ma nota spjegattiva li kienet giet ipprezentata fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 37/2001/1.

Tkompli tghid li d-dar li kienet propjeta ta Luigi Portelli hija l-istess dar li llum hija propjeta ta l-attrici. Hija tipprezenta wkoll organogram li juri t-trasferimenti li saru ta din il-propjeta sakemm waslet ghand l-attrici.

Tghid li mir-ritratti mill-ajru ghas-snin 1957 u 1978 jirrizulta li l-passagg in kwistjoni ma hux wiehed pubbliku billi ma jwassalx ghal propjeta pubblika. Tispjega li dan il-passagg lanqas ma hu tal-konvenuti billi dan jinsab fuq in-naha ta l-art ta l-attrici u jwassal ghal eghlieqi li jigu fuq wara tal-propjeta taghha.

Dr Refalo tispjega li l-passagg lanqas ma jista jkun tal-konveuti billi hekk kif jidher mir-ritratti ta l-ajru tas-sena 1957 l-access li kellhom il-konvenuti ghal art taghhom kien minn Triq It-Trux u ma kellhom l-ebda htiega li jghaddu mill-passagg *de quo*.

In oltre tghid ukoll li minn dak li jidher minn ritratti tat-toroq ta'l-Gharb u San Lawrenz fl-1901 dan il-passagg lanqas biss jidher u jidhru biss it-toroq u passaggi pubblici.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti tqis li l-ewwel u qabel kollox huwa ferm opportun li mill-ewwel tikkummenta fuq il-kawzali numru 7 tar-rikors guramentat fejn l-attrici tghid li l-fatt li t-talba taghha ghal hrug ta mandat t'inibizzjoni giet milqughha dan ifisser prova tat-titolu taghha fuq il-

[5] A fol 71 tal-process

passagg. Din l-affermazzjoni hija ghal kollox zbaljata u dan in vista tal-fatt illi id-decizzjonji tal-Qorti meta rinfaccata b'talba ghal hrug ta mandat ta inibizzjoni hija biss a bazi ta provi *prima facie*. Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi meta jinhareg mandat t'inibizzjoni dan bl-ebda mod ma huwa dikjarazzjoni li r-rikorrent ipprova t-titolu tieghu u din hija haga minn ghawl id-dinja billi fl-istadju tal-mandat l-Qorti ma tindagax *funditus* fil-mertu tal-kwistjoni li jkollha quddiemha izda tara biss fuq bazi ta *prima facie* jekk ir-rikorrenti irnexxilux jissodisfa l-elementi mehtiega biex it-talba tieghu ghal hrug tal-mandat tigi milqugha.

Ghalhekk din il-Qorti taghmilha cara li bil-hrug tal-mandat t'inibizzjoni ma saret l-ebda prova ta titlou tal-attrici u *duque* il-piz tal-prova tat-titlou jibqa fuq l-attrici f'din il-kawza.

**Il-Kontumacja tal-Konvenut Clayton- John Pace**.

Fil-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti jirrizulta li l-konvenut Clayton-John Pace kien notifikat bl-atti izda dan ma pprezenta l-ebda risposta entro it-terminu ta ghaxrin jum minn notifika tar-rikors guramentat, ghat-talbiet ta l-attrici. Dan ifisser li l-konvenut imsemmi huwa kontumaci. Madankollu l-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-konvenut għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi[6]. Anzi, fid-dritt Malti l-kontumaċja xorta waħda tirrappreżenta kontestazzjoni tal-pretensjonijiet attriċi,[7] u allura dan ifisser li l-attrici ma hix mehlusa mill-oneru li tissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li tressaq provi sal-grad almenu ta' probabbiltà kif ukoll li ggib l-aħjar prova in sostenn ta dak li qed tallega fil-premessi u fit-talbiet taghha.[8]

Pero ghalkemm il-kontumacja tal-konvenut ma tehlisx lill-attrici milli tressaq il-provi taghha kif gia inghad, daqstant ieħor l-iskiet tal-konvenut f'kawża ma jehlisx lill-Qorti mid-dmir tagħha li tgħarbel u tizen il-provi kollha migjuba mill-attrici bil-ghan wahdien li

[6] George Busuttil et vs Anthony Vassallo et, Appell, deciza fis-6 ta Ottubru, 2020
[7] Nathalie Bartolo vs id-Dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlandov et, Appell, deciz fil-31 ta Mejju, 2023
[8] FIMBank p.l.c v Almenco Limited, Appell, deciz fis-27 ta Ottubru, 2017

twettaq haqq mall-partijiet.[9] Dan ifisser li din il-Qorti trid tezamina it-talbiet attrici u tindaga jekk dak mitlub minnha hux gistifikat fil-ligi.[10] Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li biex l-attrici tirbaħ il-kawża, hija trid mhux biss tegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda trid turi wkoll li għandha il-jedd li tressaq l-azzjoni magħżula minnha, għaliex altrimenti, anke jekk kif ghandna fil-kaz in ezami, il-konvenut Clayton-John Pace baqa sieket, il-Qorti jkollha xorta wahda tiċħad it-talbiet taghha.[11]

**L-Azzjoni Attrici.**

L-azzjoni esperita mill-attici ma hix wahda fejn hija qed titlob ir-restituzzjoni ta' l-art in disputa, iżda qed titlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-passagg mertu tal-kawza huwa proprjeta` tagħha. Il-Qorti ghalhekk issa ser tghaddi issa sabiex tezamina l-fatti quddiemha u tistabbilixxi jekk bil-provi prodotti minnha, l-attrici rnexxilhiex tipprova li hija s-sid il-passagg in kwistjoni.

Gew esebiti diversi kuntratti ta akkwist u testmenti li l-attrici issostni li dawn juru li l-passagg kien jaghmel parti mill-art akkwistata minnha. Il-Qorti ghalhekk fliet dawn il-kuntratti u testamenti u tosserva illi :-

i) B'kuntratt ta divizzjoni tat-22 ta Awissu, 1892, Luigi Portelli gie assenjat ghalqa tal-kejl superficjali ta mundell u tmien mizuri, maghrufa bhala "Ta Trux" u li fiha kien hemm kostruzzjoni maghmula mill-istess Luigi Portelli. Fid-deskrizzjoni ta l-ghalqa jissemma *"…lo spazio occupato dalla fabbrica fatta dallo stesso Luigi Portelli.."* izda il-passagg ma hux imsemmi;

ii) Fl-applikazzjoni ghall-izvilupp li kienet saret minn Luigi Portelli u li ggib id-data 17 ta Lulju, 1897, hemm referenza ghal passagg bhala *"passaggio del ricorrente"* u dan il-passagg huwa mpitter fuq in-naha punent tal-propjeta li fiha kien ser isir l-izvilupp mill-istess Portelli;

[9] Joseph Vella vs Pierre Cremona, Appell, deciz fl-10 ta Ottubru, 2003
[10] David Hillman vs G.R.A.P Limited, Appell, deciz fit-3 ta Frar, 2009
[11] Kevin Attard vs Philip Cardona et, Appell, deciz fil-5 ta Ottubru, 2023

iii) Meta Luigi Portelli miet skond it-testament tieghu tal-25 ta Ottubru, 1901[12]il-wirt tieghu iddevolva fuq il-hames uliedu ossia Giuseppa armla Vella, Teresa Mifsud, Giuseppe Portelli, Maria Mercieca u Carmela Portelli;

iv) Fl-24 ta Dicembru, 1919 Giuseppa Vella, bint id-defunt Luigi Portelli bieghet is-sehem taghha ta 1/5 indiviz mill-lok ta djar li kienu assenjati lill-missierha fl-1892 lil huha Giuseppe Portelli. F'dan il-kuntrattta' l-1919[13] is-sehem 1/5 indiviz huwa deskritt kif gej : *".... una quinta parte indivisa di un luogo di case con mandretta seco conguinta sito nel Casale Garbo nella Strada Trux, numero quaranta sette confinato da levante con beni di Luigi Mercieca, da tramontana* ***con passaggio commune***[14] *tra le dette mandretta ed altri beni, da ponente con strada e da mezzodi con beni di Carmela Camilleri."* Hawnhekk il-passagg huwa identifikat bhala wiehed komuni;

v) Fil-5 ta Lulju, 1925 Giuseppe Portelli bin id-defunt Luigi Portelli ittrasferixxa 2/5 partijiet indivizi mid-dar indikata bhala numru 47 bil-mandretta lil Carmelo u Carmela Camilleri;

vi) Meta Carmelo u Carmela Camilleri mietu, il-wirt taghhom iddevolva fuq Adriano Camilleri;

vii) Mid-dikjarazzjoni *causa mortis*[15] jirrizulta li lil Adriano Camilleri wirtuh Victor Camilleri minn naha u Michael Baxton, Victor Baxton u Julie Darrel ahwa Baxton;

---

[12] Testment unical carta tal-25 ta Ottubru, 1901, esebit fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 37/2012 a fol 50 sa fol 64

[13] Kuntratt esebit fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 37/2021minn fol 65 sa fol 70.

[14] Enfasi mizjuda

[15] Esebita a fol 15 fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 37/2021

viii) Bis-sahha ta kuntratt pubbliku ta l-4 ta Lulju, 1994[16] l-attrici akkwistat il-fond bin-numru 59, Triq Trux Gharb, minn ghand Victor Camilleri u l-ahwa Michael, Victor u Julie ahwa Buxton, ilkoll eredi ta Adriano Camilleri[17],. F'dan il-kuntratt pubbliku id-deskrizzjoni tal-propjeta akkwistata hija " *...the house number fifty nine (59) Trux Street, Gharb, Gozo, free and unencumbered with all its rights and appurtanances and with vacant possession*." Hemm ukoll zieda li tghid " *..and better shown on a plan annexed to a deed of Notary Doctor Michael Refalo dated ninth (9th) February of the current year 1994*." Dan il-kuntratt tad-9 ta Frar, 1994 gie esebit fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 37/2021[18] u huwa dikjarazzjoni *causa mortis* li saret minn Victor Camilleri f'ismu propju kif ukoll ghan-nom ta Michael, Victor u Julie ahwa Buxton, ilkoll eredi ta Adriano Camilleri, missier l-istess komparenti Victor Camilleri. F'din id-dikjarazzjoni tissemma id-dar numru 59 fi Triq Trux, Gharb, Gozo. Hemm annessa wkoll pjanta tal-fond. Il-Qorti tinnota li la fil-kuntratt ta akkwist ta l-attrici u lanqas fid-dikjarazzjoni *causa mortis* gia msemmija ma jissemma il-passagg mertu tal-kawza;

Minn din ir-rassenja ta kuntratti li gew esebiti il-Qorti tibda biex tghid illi hija sodisfatta li il-lok ta djar li jissemmew fit-trasferimenti *supra* huma l-istess fond akkwistat mill-attrici.

Barra minn hekk dawn il-kuntratti jservu biex jaghtu stampa ta kif il-lok ta djar ghadda minn id ghal ohra. Madankollu jibqa l-fatt li fil-kuntratti dak li qed jigi assenjat jew mibjugh huwa deskritt b'mod car tant li ma jhallix lok ghal interpretazzjoni oltre dak miktub, u infatti l-Qorti ma tistax ma tosservax li l-passagg mertu tal-kawza jissemma darba wahda biss u cioe fil-kuntratt ta l-24 ta Dicembru, 1919 u huwa deskritt bhala passagg komuni. A bazi ta dan din il-Qorti hija tal-fehma preponderata li l-passagg qatt ma kien il-propjeta assoluta ta l-awturi fit-titolu ta l-attrici u kienet ghal din ir-raguni illi kull meta giet deskritta l-propjeta trasferita il-passagg ma ssemmiex. Tant hu hekk illi fil-kuntratt ta akkwist ta l-attrici, il-passagg lanqas hu biss hu msemmi.

[16] Kif rapprezentata minn Dr Michael Refalo
[17] Kif rapprezentati fuq l-att minn Dr Michael Grech
[18] Jinsab allegat ma l-atti tal-kawza

Ghalkemm minn naha taghha l-attrici targumenta li mill-pjanta[19] annessa mall-applikazzjoni ta zvilupp li kienet saret minn Luigi Portelli fuq id-dar bin-numru 47 jirrizulta li l-passagg kien tar-rikorrent ghax hekk hemm imnizzel fuq il-pjanta , il-Qorti izda ma taqbilx ma dan l-argument billi dak li hemm imnizzel huwa dak illi ddikkjara l-applikant Luigi Portelli u li tali affermazzjoni ma hix sostunta bl-ebda deskrizzjoni fl-ebda kuntratt esebit in atti. Anzi ghall-kuntrarju, kif gia osservat, jirrizulta biss li l-passagg huwa wiehed komuni.

Il-Qorti ttenni li biex tirnexxi l-azzjoni attrici din kellha iggib prova suffiċjenti li turi li t-titolu pretiż minnha fuq il-passagg in disputa fil-fatt jirriżulta. Tali prova ghandha tirriżulta minn atti pubbliċi, haga li fil-kaz odjern ma sehhitx.

Ghalhekk il-Qorti tenut kont ta dawn il-kunsiderazzjonijiet maghmula minnha ser tghaddi biex tichad it-talbiet attrici.

**Decide.**

Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-ragunijiet moghtija l-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici in toto.

Bl-ispejjez a karigu ta l-attrici.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[19] Tas-6 ta Awissu, 1897, a fol 49 fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 37/2021